**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 28 TA' FRAR, 2002

**Numru: 21**

**Avviz Nru: 1785/01 JB**

**Dhalia Developments Limited**

**vs**

**Perit David Camilleri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal- konvenut ghall-hlas ta' Lm308.69c (tlett mija u tmien liri Maltin u disgha u sittin centezmi) dovuti lis-socjeta' attrici rappresentanti kera u konsum ta' elettriku u ilma fil- fond 35, Triq Annibale Preca Hal-Lija,

liema kont gie mibghut lis-socjeta’ attrici mill- Water Services Corporation u mhallas minnha.

Ra li l-konvenut baqgha ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lill- Dr. Luciano Busuttil jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx ;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici w jikkundanna lill- konvenut jhallas is-somma ta’ Lm 308.69c (tlett mija u tmien liri Maltin u disgha u sittin centezmi) rappresentanti somma dovuta lis-socjeta’ attrici ghall-kera u konsum ta’ elettricku u ilma, liema kont gie mibghut u mhallas mis-socjeta’ attrici, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**